MALTA

ATT Nru. XXVII ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern.

ACT No. XXVII of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Government Lotteries Act, 1981.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

25 ta' Ottubru, 1988

ATT Nru. XXVII ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorita' ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att XXIV ta' l-1981.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' 1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li bdew fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 1988.

Żieda ta' artikolu ġdid 8A ma' l-Att prinċipali.

2. Minnufih wara l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Il-biljetti tal-Lotterija l-Kbira jkollhom parti stakkabbli.

8A. Il-biljetti tal-Lotterija l-Kbira għandu jkollhom parti stakkabbli li testendi minnhom, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "il-parti stakkabbli", li ġġib l-istess numru tal-biljett. Il-ġugatur jista' jikteb ismu u l-indirizz tiegħu fuq il-parti stakkabbli li tista' tintbagħat personalment jew bil-posta lid-Direttur qabel it-tlugħ relattiv tal-Lotterija l-Kbira:

Iżda d-Direttur ma jkunx responsabbli f'każ li għal xi raġuni li tkun huwa ma jirċevix il-parti stakkabbli jew jekk għal xi raġuni dik il-parti ma tkunx tista' tinstab.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn il-provisos li ġejjin:

"Iżda, meta wara li jkunu għaddew ħamsin ġurnata tax-xogħol wara tlugħ, persuna tipproduċi għas-sodisfazzjon tad-Direttur prova biżżejjed li tidentifikaha bħala s-sid leġittimu tal-biljett rebbieħ tal-Lotterija l-Kbira, id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, jagħti l-premju lil dik il-persuna wkoll jekk il-biljett rebbieħ ma jiġix preżentat;

Iżda wkoll id-Direttur għandu sommarjament jirrifjuta talba jekk il-parti stakkabbli tal-biljett rebbieħ ma tkunx fil-pussess tiegħu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 144 tas-17 ta' Ottubru, 1988.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati